TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/298/12/S

Stephanie Micallef
Vs
Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct

Illum 11 t'April, 2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Stephanie Micallef pprezentata fis-26 ta'Novembru, 2012 u r-risposta ta' Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct ipprezentata fis-6 ta'Frar, 2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-22 ta'Frar, 2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'airconditioner' tal-marka Hitachi li skont ir-rikorrenti, ma kienx qed ikessah;

Illi din il-problema baqghet tezisti kemm meta intbaghat persuna biex tirrangah kif ukoll meta l-'airconditioner' tbiddel;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar, 1999);

Illi skont ir-rikorrenti, dan l-'airconditioner' mill-bidu nett ma kienx jahdem kif suppost u dan hu konfermat mill-istess intimata fir-risposta taghha;

Illi l-unika raguni moghtija mill-intimata dwar dan kienet minhabba maltempata li skont hi, ghamlet hsara fil-'pipe' tal-gass tal-'airconditioner';

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Illi mill-provi mismugha il-problema jidher li hi iktar gravi minn semplici 'leakage' ta' gass b'konsegwenza ta' maltempata;

Illi t-Tribunal jirrileva li r-rikorrenti setghet giet trattata b'iktar heffa meta hi ma kellha ebda tort;

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li la jkun hemm iktar minn possibilita wahda, il-konsumatur ghandu jigi mistoqsi liema opzjoni jippreferi u jinghata c-cans tal-ghazla;

Illi fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrent hi wahda gusta u ppruvata u konsegwentement ghandha tintlaqa' fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Stephanie Micallef u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct, Jordna lil Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct thallas lil Stephanie Micallef is-somma ta' €1045 prezz tal-imsemmi 'airconditioner' li ghandu jigi ritornat mir-rikorrent lill-intimata, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888